Kawża C-393/16

Comité Interprofessionnel du Vin de Champagne
vs
Aldi Süd Dienstleistungs-GmbH & Co.OHG

(talba għal deċiżjoni preliminari, imressqa mill-Bundesgerichtshof)

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Organizzazzjoni komuni tas-swieq ta' prodotti agrikoli – Protezzjoni ta' denominazzjonijiet ta' oriġini protetta (DOP) – Regolament (KE) Nru 1234/2007 – Artikolu 118m(2)(a)(ii), (b) u (c) – Regolament (UE) Nru 1308/2013 – Artikolu 103(2)(a)(ii), (b) u (c) – Kamp ta' applikazzjoni – Sfruttar tar-reputazzjoni ta' DOP – Użurpazzjoni, imitazzjoni jew evokazzjoni ta' DOP – Indikazzjoni falza jew qarrieqa – DOP 'Champagne' użata fl-isem ta' prodott tal-ikel – Isem 'Champagner Sorbet' – Prodott tal-ikel li fih inbid tax-xampanja bħala ingredjent – Ingredjent li jikkonferixxi karatteristika essenzjali lill-prodott tal-ikel"

Sommarju – Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-20 ta' Diċembru 2017

1. *Agrikoltura – Organizzazzjoni komuni tas-swieq – Inbid – Deskrizzjoni u preżentazzjoni tal-inbejjed – Denominazzjonijiet ta' oriġini protetta u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti – Protezzjoni – Kamp ta' applikazzjoni – Użu ta' denominazzjoni tal-oriġini protetta fl-isem ta' prodott tal-ikel li fih ingredjent konformi mal-ispeċifikazzjoni dwar din id-denominazzjoni – Inklużjoni*

   (Regolament tal-Kunsill Nru 1234/2007, kif emendat mir-Regolament Nru 491/2009, Artikolu 118m(2)(a)(ii); Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1308/2013, Artikolu 103(2)(a)(ii))

2. *Agrikoltura – Organizzazzjoni komuni tas-swieq – Inbid – Deskrizzjoni u preżentazzjoni tal-inbejjed – Denominazzjonijiet ta' oriġini protetta u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti – Sfruttar tar-reputazzjoni ta' denominazzjoni ta' oriġini protetta – Kunċett – Użu ta' denominazzjoni tal-oriġini protetta intiż li jibbenefika indebitament mir-reputazzjoni tagħha*

   (Regolament tal-Kunsill Nru 1234/2007, kif emendat mir-Regolament Nru 491/2009, Artikolu 118m(2)(a)(ii); Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1308/2013, Artikolu 103(2)(a)(ii))

3. *Agrikoltura – Organizzazzjoni komuni tas-swieq – Inbid – Deskrizzjoni u preżentazzjoni tal-inbejjed – Denominazzjonijiet ta' oriġini protetta u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti – Protezzjoni – Sfruttar tar-reputazzjoni ta' denominazzjoni ta' oriġini protetta – Kunċett – Użu ta' denominazzjoni fl-isem ta' prodott tal-ikel li fih ingredjent konformi mal-ispeċifikazzjoni dwar*

din id-denominazzjoni – Inklużjoni – Kundizzjonijiet – Assenza, bħala karatteristika essenzjali tal-prodott tal-ikel, ta' togħma iġġenerata prinċipalment permezz tal-preżenza ta' dak l-ingredjent fil-kompożizzjoni tal-imsemmi prodott tal-ikel

(Regolament tal-Kunsill Nru 1234/2007, kif emendat mir-Regolament Nru 491/2009, Artikolu 118m(2)(a)(ii); Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1308/2013, Artikolu 103(2)(a)(ii))

4. *Agrikoltura – Organizzazzjoni komuni tas-swieq – Inbid – Deskrizzjoni u preżentazzjoni tal-inbejjed – Denominazzjonijiet ta' oriġini protetta u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti – Użu ħażin, imitazzjoni jew evokazzjoni ta' denominazzjoni ta' oriġini protetta – Kunċett – Użu ta' denominazzjoni ta' oriġini protetta fl-isem ta' prodott tal-ikel li fih ingredjent konformi mal-ispeċifikazzjoni dwar din id-denominazzjoni – Esklużjoni*

(Regolament tal-Kunsill Nru 1234/2007, kif emendat mir-Regolament Nru 491/2009, Artikolu 118m(2)(b); Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1308/2013, Artikolu 103(2)(b))

5. *Agrikoltura – Organizzazzjoni komuni tas-swieq – Inbid – Deskrizzjoni u preżentazzjoni tal-inbejjed – Denominazzjonijiet ta' oriġini protetta u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti – Protezzjoni kontra l-indikazzjonijiet foloz jew qarrieqa – Portata*

(Regolament tal-Kunsill Nru 1234/2007, kif emendat mir-Regolament Nru 491/2009, Artikolu 118m(2)(c); Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1308/2013, Artikolu 103(2)(c))

1. L-Artikolu 118m(2)(a)(ii), (b) u (c), tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament "Waħdieni dwar l-OKS"), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill Nru 491/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 u l-Artikolu 103(2)(a)(ii) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom il-każ fejn denominazzjoni ta' oriġini protetta, bħalma hija "Champagne", tiġi użata bħala parti mill-isem li taħtu huwa mibjugħ prodott tal-ikel, bħalma huwa "Champagner Sorbet" li ma jissodisfax l-ispeċifikazzjonijiet ma' din id-denominazzjoni ta' oriġini protetta, iżda li fih ingredjent li jissodisfa l-imsemmija speċifikazzjonijiet.

(ara l-punt 36, dispożittiv 1)

2. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 40)

3. L-Artikolu 118m(2)(a)(ii) tar-Regolament Nru 1234/2007, kif emendat bir-Regolament Nru 491/2009 u l-Artikolu 103(2)(a)(ii) tar-Regolament Nru 1308/2013 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-użu ta' denominazzjoni ta' oriġini protetta bħala parti mill-isem li taħtu huwa mibjugħ prodott tal-ikel li ma jissodisfax l-ispeċifikazzjonijiet dwar din id-denominazzjoni ta' oriġini protetta, iżda li fih ingredjent li jissodisfa l-imsemmija speċifikazzjonijiet, bħalma huwa "Champagner Sorbet", jikkostitwixxi sfruttar tar-reputazzjoni ta' denominazzjoni ta' oriġini protetta, fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet, jekk dan il-prodott tal-ikel ma għandux bħala karatteristika essenzjali, togħma ġġenerata prinċipalment mill-preżenza ta' dan l-ingredjent fil-kompożizzjoni tiegħu.

F'dan ir-rigward, għandu jitqies li l-użu ta' DOP bħala parti mill-isem li taħtu huwa mibjugħ prodott tal-ikel li ma jissodisfax l-ispeċifikazzjonijiet dwar din id-DOP, iżda li fih ingredjent li jissodisfa l-imsemmija speċifikazzjonijiet, intiż sabiex jibbenefika indebitament mir-reputazzjoni ta' din id-DOP jekk dan l-ingredjent ma jikkonferixxix karatteristika essenzjali lil dan il-prodott tal-ikel. Fir-rigward tad-determinazzjoni jekk l-ingredjent inkwistjoni jikkonferixxix lill-prodott tal-ikel inkwistjoni karatteristika essenzjali, il-kwantità ta' dan l-ingredjent fil-kompożizzjoni ta' dan il-prodott tal-ikel tikkostitwixxi kriterju importanti, iżda mhux suffiċjenti. L-evalwazzjoni tiegħu tiddependi mill-prodotti kkonċernati u għandha tkun akkumpanjata minn evalwazzjoni kwalitattiva. Meta l-isem tal-prodott tal-ikel jindika, bħal fil-kawża prinċipali, li dan jinkludi ingredjent li jibbenefika minn DOP li suppost tindika t-togħma ta' dan il-prodott tal-ikel, it-togħma ġġenerata minn dan l-ingredjent għandha tikkostitwixxi l-karatteristika essenzjali tal-imsemmi prodott tal-ikel.

(ara l-punti 50-53, id-dispożittiv 2)

4. L-Artikolu 118m(2)(b) tar-Regolament Nru 1234/2007, kif emendat bir-Regolament Nru 491/2009 u l-Artikolu 103(2)(b) tar-Regolament Nru 1308/2013 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-użu ta' denominazzjoni ta' oriġini protetta bħala parti mill-isem li taħtu huwa mibjugħ prodott tal-ikel li ma jissodisfax l-ispeċifikazzjonijiet dwar din id-denominazzjoni ta' oriġini protetta, iżda li fih ingredjent li jissodisfa l-imsemmija speċifikazzjonijiet, bħalma huwa "Champagner Sorbet" ma jikkostitwixxix użurpazzjoni, imitazzjoni jew evokazzjoni, fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

Fil-fatt, billi ġie inkorporat fl-isem tal-prodott tal-ikel inkwistjoni dak ta' ingredjent li jibbenefika minn DOP, sar użu dirett minn din id-DOP sabiex tiġi evokata b'mod miftuħ kwalità ta' togħma marbuta magħha, li ma tikkostitwixxi la użurpazzjoni, la imitazzjoni, lanqas evokazzjoni.

(Ara l-punti 57, 59, id-dispożittiv 3)

5. L-Artikolu 118m(2)(c) tar-Regolament Nru 1234/2007, kif emendat bir-Regolament Nru 491/2009, u l-Artikolu 103(2)(c) tar-Regolament Nru 1308/2013 għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma applikabbli kemm għall-indikazzjonijiet foloz jew qarrieqa li huma ta' natura li joħolqu impressjoni żbaljata dwar l-oriġini tal-prodott ikkonċernat kif ukoll għall-indikazzjonijiet foloz u qarrieqa dwar in-natura jew fuq il-kwalitajiet essenzjali ta' dan il-prodott.

(ara l-punt 64, id-dispożittiv 4)